**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta’ Jannar 2025**

Rikors Numru: 550/24 AL

AB

vs

Cd

(M.R. Numru 781/2022)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu bir-rit kattoliku fil-Knisja Tas-Salib Mqaddes, il-Furjana, Malta fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). (Ara hawn anness u mmarkat bhala Dok A iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness);

2. Illi minn dan iż-żwieġ l-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottoressa Fiona Zammit Armeni erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (ara hawn anness u mmarkat bħala Dok B);
4. Illi l-partijiet ilhom ħames (5) xhur legalment separati u ilhom de facto ma jgħixux flimkien minn Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);
5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni stante li illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li qatt ma mantnew lil xulxin wara s-separazzjoni, inoltre l-partijiet iddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B (b) tal-Kodiċi Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie iċċelebrat bir-rit Kattoliku fil-Knisja Tas-Salib Mqaddes, il-Furjana, Malta fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u sussegwentement tippronunzja li l- partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku kif ukoll sabiex jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi :

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar 1-14 ta' Mejju 2022 ġewwa l-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Mejju 2024 fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni;

4. Illi l-partijiet ilhom seba' xhur legalment separati u ilhom de facto ma jgħixux flimkien minn Jannar tas-sena 2024;

5. Illi ormai l-partijiet qegħdin jgħixu hajja totalment separata minn xulxin, u ghaldaqstant m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikončiljazzjoni;

6. Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment minghand xulxin u dan b'mod definittiv. Ghaldaqstant, m'hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

7. Illi ma' dan ir-risposta qed jiġi anness l-affidavit tal-esponent, liema dokument qed jigi mmarkat bhala Dok. A;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent mhux qed joġġezzjona ghat-talba tar-rikorrent ghall-ottjeniment ta' divorzju.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Dicembru 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rt l-affidavit tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Mejju 2024 u *de facto* separati minn Jannar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.